MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 104/2004

**M. Demajo (Wines & Spirits) Limited**

**vs**

**Lewis Schembri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Rapprezentanti prezz ta’ xorb u nbid mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta’ attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta’ Lulju 2004 u tal-mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra l-ammissjoni tal-istess talba mill-konvenut li talab zmien ghall-hlas.

Jilqa' t-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM608.86 prezz ta' xorb lilu mibjugh u kkunsinnat minnha bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju 2004 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz tat-talba u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficcjali msemmija sad-data tal-effettiv pagament. Minhabba c-cirkostanzi personali tal-konvenut, it-Tribunal jikkoncedilu zmien ta' erba' xhur ghall-hlas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------